MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Numru. 971/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Caruana)**
**versus**
**Anthony Mckay**
**Il-Qorti**

l. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Anthony Mckay ta' 34 sena bin Anthony u Josephine nee Agius imwieled Birkirkara.nhar is-l6 ta' Gunju, l970 u residenti f'll2, The Cottage, Triq il-Merhba, Fgura, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 267270 (M).

Akkuzat talli

1) Fil-Ministeru ghall-Kompetittivita' u Komunikazzjoni sitwat f'Santa Venera nhar l-l0 ta' Novembru, 2004 ghall-habta tal-ll.00 a.m ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq l-Onorevoli Segretarju Parlamentari s-Sur Edwin Vassallo, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-artikolu 95(l0) tal-Kodi6i Kriminali;

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lill- imsemmi Segretarju Parlamentari u xi nies ohra b'xi delitt, ma liema theddid kien hemm ordni jew kundizzjoni u dan bi ksur ta' l-artikolu 249 (2) tal-Kap 9;
3) Finalment talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel ingurji jew hedded lill-imsemmi Segretarju Parlamentari u dan bi ksur ta' l-artikolu 339 (e) tal-Kap 9;

2. Rat l-atti kollha tal-kawza fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali tas-l6 ta' Novemrbu, 2004 biex il-proceduri jkunu sommarji.
3. Rat li l-imputat ma oggezzjonax biex il-proceduri jkunu sommarji.
4. Rat illi fil-verbal ta' l-24 ta' Novembru, 2004 l-imputat skuza ruhu formalment fil-konfront ta' l-Onorevoli s-Sur Edwin Vassallo u rregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha. Wara li nghata l-hin biex jahsibha, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.
5. Ghaldaqstant l-imputazzjonijiet kienu ppruvati skond il-Ligi.
6. Fl-istess verbal il-Qorti rat li l-imputat obbliga ruhu li ma jersaqx lejn is-Segretarju Parlamentari u l-Istaff tieghu ghal zmien sena u dan taht penali ta' Lml00 (mitt Lira Maltija) jekk jikser dan il-ftehim.
7. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 95 (l), 249 (2) u 339 (e) tal-Kap 9 issib lill-imputat hati tat-tliet (3) imputazzjonijiet dedotti kontrih izda, stante l- ammissjoni bikriia ta' l-imputat u l-iskuza formali li ghamel lis- Segretarju Parlamentari, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien sentejn (2) mill-lum. Il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------